MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2009

Numru 704/2004

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Borg)

vs

Alexander Calleja

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 347860(M) akkuzat talli:

1. f'dawn il-Gzejjer, f'hanut bl-isem tal-'Yorkie' li jinsab f'Bay Street, St. Julians u f'hanut iehor bl-isem 'Yorkie' li jinsab f'St. Joseph High Street, Hamrun; fl-4 ta' Awissu 2004 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni

wahda, ffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentament ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija; jew xjentament qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioé polo shirts bil-logo tad-ditta Lacoste ghal liema logo hemm trade mark irregistrata hawn Malta. (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 298(1) (a) (b) (c) (f) tal-Kap 9;

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u cioé La Chemise Lacoste rappresentati minn Dr. Louis Bianchi LL.D protetti bil-/jew taht il-Ligijiet ta' Malta. (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298 B tal-Kap 9);

3. fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuni ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata, jew biegh jew kreja, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kull fuqu, sinjal bhal dak; (Dan bi ksur ta' l-Artikolu 72 (1) tal-Kap 416)

Il-Qorti mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghha, f'kaz ta' htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kap 441.

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska u d-distruzzjoni ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil Alexander Calleja ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu

mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-imputat f’din l-udjenza jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta qerq fil-kummerc u fl-industriji bi ksur ta’ l-Artikolu 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap9, il-ksur ta’ drittijiet ta’ l-awtur bi ksur ta’ l-Artikolu 298B Kap 9 u l-uzu mhux awtorizzat ta’ ‘trademark’ bi ksur ta’ l-Artikolu 72(1) tal-Kap 416.

Mix-xhieda prodotta jirrizulta bhala fatt pruvat anka bl-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, li:
- l-oggett in kwistjoni kienu 23 flokk li kellhom fihom il-logo tal-kukkudrill;
- li dan il-logo huwa registrat hawn Malta ergo igawdi mill-protezzjoni tal-ligi senjatament il-Kap 416.
- li l-flokkijiet in meritu nstabu esposti ghall-bejgh fiz-zewg hwienet li taghhom l-akkuzat assuma r-responsabbilta’.
- li rrizulta li l-oggett m’huwiex prodott originali tal-marka ‘Lacoste’ li hi proprjetarja tal-‘logo’ in meritu.

Ghaldaqstant qeghda ssib u tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikoli fuq indikati, wkoll l-Artikolu 17 tal-Kap 9 u meqjus kollox tiddeciedi li tillibera lill-imputat taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sitt xhur mil-lum sakemm ma jaghmilx reat iehor f’dan iz-zmien.

Rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 u tikkundannah l-ispejjez fl-ammont ta’ €239 inkorsi fin-nomina tal-perit tekniku.

Tastjeni milli tapplika xi misura taht l-Artikolu 31 tal-Kap 441.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------